Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru: 1559/00

Anna Antignolo ghan-nom ta' C&H Bartoli Limited

Vs

Joseph Frendo f'ismu stess u ghan-nom u okkorrendo bhala propjetarju ta' Frendo Bakery

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici nomine talbet il-kundanna tal-konvenut nomine ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija hmistax-il lira Maltin wiehed u tmenin centezmi (Lm715.81c) bilanc ta' somma akbar prezz ta' `bone divider', `moulding plate parts' u oggetti ohra mibjugha u kkonsenjati lilu, kompriz l-imghax sal-25 ta' Settembru 2000 u spejjez in konnessjoni ma' ittra legali interpellatorja, - kollox skond l-`istatement of account' hawn anness u mmarkat Dok. A.

Bl-ispejjez u bl-imghax ta' 8% fis-sena mis-26 ta' Settembru 2000 il-quddiem kontra l-konvenut proprio et nomine li hu mharrek ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota ta' riduzzjoni prezentata llum stess mill-atturi permezz ta' liema huma rriducew is-sorte bis-somma ta' mitejn lira (Lm200) ghas-somma ta' hames mija u hmistax –il lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm515.81c).

Wara li l-Qorti semghet lil Anna Antignolo bil-gurament u rat id-dokumenti esebiti; it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita

konferma u l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' hames mija u hmistax-il lira u wiehed u tmenin centezmi (Lm515.81c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-26 ta' Settembru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg